MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

Il-Ħamis, 14 ta' Ġunju, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-10:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Martina Cassar – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 38.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

38.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 38.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

38.2.1 Is-Sindku feraħ f'isem il-Kunsill lil Kunsillier Joseph Cauchi fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala President tal-Futbol tas-St Lawrence Spurs.

38.2.2 Is-Sindku semma li rċieva talba biex ngħinu fl-organizazzjoni tas-Summer Fun Club li jiġi organizzat mill-Parroċċa. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu ħsieb li nħallsu xi attivtajiet li ma jaqbżux l-ammont tas-sena l-oħra pero, inżidu €100 fuqhom fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tiegħu.

38.2.3 Is-Sindku reġa' qajjem id-diskussjoni dwar l-ispejjeż tal-kawża li kien hemm kontra kunsilliera u s-segretarju eżekuttiv f' Kunsill preċedenti. Kien hemm qbil li l-każ jieqaf hemm u ma ssirx il-kawża għal rifużjoni tal-ispejjeż għad-danni.

38.2.4 Is-Sindku qal li l-attività tal-Kunsill tagħna fl-avveniment Gozo Alive, kien hemm attendenza numeruża u itlaqet tajjeb ħafna.

38.2.5 Is-Sindku qal li ikun xieraq illi nibgħatu ittra ta ringrazzjament għall-ħajt ta' Triq it-Torri, lil Ministru Justyne Caruana u lis-Sur Anthony Debono. Il-Kunsill qabel.

38.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li il-Bye Laws taċ-Ċentru tad-Dwejra daħlet fl-effett uffiċjalment fil-15 ta' Mejju 2018.

38.2.7 Is- (SE) qalet li irċivejna email mingħand Patrick Cassar is-Segretarju ta' St Lawrence Spurs. F'din l-emejl hu qed jitlob sabiex jingħata permess biex jitpoġġew żewġ umbrellel u żewġ qsari quddiem iċ-Ċentru. Wara diskussjoni sar qbil li jingħata permess biex jitpoġġew l-umbrellel pero iridu isiru toqob b'kanna u tap. Kif ukoll, li għandna nordnaw li l-qsari għandhom ikunu l-istess stil ta dawk eżiżteni sabiex tinżamm l-istess estetika tal-Pjazza.

## 38.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

38.3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li rigward il-Festa tad-Tadam u Swejjaq, għandna nibgħatu proposta dettaljata lil Hon Clint Camilleri. Il-Kunsill qabel.

38.3.2 Il-Kunsillier Anthony Formosa fakkar fit-tabella '*Slippery*' fl-Inland Sea. Is-SE infurmat illi bagħtet diversi emejls anke fir-rigward tal-*crash barriers* fit-Triq tad-Dwejra lil entitajiet sabiex jieħdu ħsieb pero s'issa għadu kollox kif kien.

## 38.4 Resident Parking Scheme

38.4.1 Is-Sindku qal li fi Triq Ċangura qed ikun hemm problema ta' nuqqas ta parkeġġ. Hu kompla jgħid li din il-problema tinħoloq ħafna drabi minn dawk li qed jiġu iżuru d-dar tal-anzjani. Is-Sindku qal li tkun idea tajba jekk nipprovaw proġett pilota fejn ir-residenti ikunu jistgħu jipparkjaw bla limitu ta' ħin billi jingħataw permess, filwaqt li ħaddieħor jista' jipparkja għall-nofs siegħa biss.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li mal-avviżi li jmiss nitoblu s-suġġerimenti tar-residenti rigward din l-iskema ġdida.

## 38.5 Wara il-Mawra fi Franza Marbuta mal-Exchange tal-Futbol

38.5.1 Is-Sindku talab lil sħabu l-Kunsilliera li marru Le Balme de Sillingy biex jagħtu r-rapport u l-kummenti tagħhom. Il-Kunsilliera irrapurtaw fuq id-delegazzjoni tagħhom b'mod pożittiv. Huma fakkru lil Kunsill fil-biċċa art fil-ġnien botaniku li huwa irriservata għalina sabiex inħawwlu pjanti endemiċi. Is-Sindku qal li kien talab lil Hon. Clint Camilleri għall-għajnuna pero hemm bżonn li ssir laqgħa oħra.

Il-Kunsilliera qalu ukoll illi huma kellhom iħallsu għall xi affarjiet u allura kien hemm xi spejjeż konnessi mad-delgazzjoni. Sar qbil li meta tiġi d-delegazzjoni tagħhom iħallsu l-istess ammont li intefaq kif ukoll ssir Kumitat Konġunt magħmul mis-Segretarju tal-Kunsill, is-Sindku, il-President u s-Segretarju tal-Kumitat tal-Futbol.

## 38.6 Boat Party taż-Żgħażagħ

38.6.1 Is-Sindku propona li isir boat part ieħor fi-żmien ta' wara l-festa bħas-snin l-oħrajn. Il-Kunsill qabel.

## 38.7 L-Organizzazzjoni tal-Festival f'Awissu

38.7.1 Is-Sindku propona illi l-Kunsill għandu jtella' attività l-Ħamis tal-Festa b'budget ta' €1000.00 .Il-Kunsill qabel.

## 38.8 Manutenzjoni fuq it-Triq ta' Għajn Abdul

38.8.1 Is-Sindku qal li irċieva diversi ilmenti mingħand il-bdiewa rigward l-istat diżażtruż ta' Triq ta' Għajn Abdul. Hu qal li għalkemm din it-triq ma taqax fil-limiti ta' San Lawrenz, qed jipproponi sabiex il-Kunsill jitlob lil Ministeru sabiex din it-triq tisewwa.

## 38.9 Mozzjoni 3/7 – Propjeta' fi Triq Għajn Abdul

38.8.1 Is-SE qrat il-mozzjoni numru 3/7 bis-suġġett imsemmi u t-test ta' din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku jaqra hekk:

*Nitlob li l-Kunsill jgħarrex li jsir jaf minhu l-propjetarju tal-binja li tinsab fi Triq Għajn Abdul limiti ta' San Lawrenz (ara ritratti) li jekk jirriżulta li hija tal-Gvern jitlob għad-devoluzzjoni tagħha, li sadanitant jitlob li jkun hemm manutenzjoni tagħha, li jekk ikunhemm fondi mill-EU u hekk tkun f'idejn il-Kunsill jwettaq proġett ta' restawr fuqha u li sservi ta' Ċentru Interpretattiv fuq l-inħawi u fuq id-dar tipika Għawdxija.*

38.6.2 Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Franco Buhagiar. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

## 38.10 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

38.10.1 Is-SE infurmat illi s-Sinjorina Martina Cassar se tagħlaq it-tmintax il-sena fl-Lulju li ġej u għalhekk iridu noħorġu s-sejħa għall-ambaxxatur taż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel.

## 38.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

38.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 38.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

38.12.1 Il-laqgħa intemmet fl-13:00 u ġiet aġġornata għall-12 ta' Lulju 2018 fl-15:30.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv